# FESTIVAL GĦAT-TFAL KALAMITA

1. Dan huwa festival tal-kantanti u jippremja l-kant, interpretazzjoni u preżentazzjoni, u mhux il-kanzunetta kantata. Għalhekk kanzunetta tista' titkanta minn aktar minn kantant/a wieħed/waħda.

2. Kanzunetta tista' tkun bl-Ingliż jew bit-Taljan minħabba li r-rebbieħa se jintbagħtu jieħdu sehem f'festivals barra minn Malta

3. Il-kanzunetti kollha jitkantaw *live* u l-miżata għad-dħul fl-*auditions* preliminari hija ta' €50.

4. Il-festival se jkollu żewġ kategoriji ta' kantanti skont l-età:
   - Kategorija A: minn 6 sa 10 snin
   - Kategorija B: minn 11 sa 14-il sena

5. Kull min japplika jieħu sehem fl-*auditions* preliminari. Fl-*auditions* il-kantanti jridu jkantaw kanzunetta *cover version* fuq *half playback cd* (format mp3) li jipprovdu l-kantanti stess. *Cd*'s bil-vuċi prinċipali rrekordjata ma jkunux aċċettati u f'dak il-kas il-kantant/a jkunu skwalifikati.

6. F'kull applikazzjoni, l-kantanti jridu jniżżlu l-isem ta' 4 kanzunetti li jixtiequ jkantaw, fażi wara fażi, f'kas li jibqgħu għaddejjin sal-fażi finali. L-organizzaturi għandhom dritt jirrifjutaw kanzunetti li jħossu li mhux xierqa għal fuq it-televixin jew għal *live band*.

7. Silta minn KULL *audition* se tidher fuq Kalamita biex anke l-kantanti li ma jgħaddux għall-ewwel fażi jkollhom *exposure* fuq it-televixin.

8. L-*auditions* ikunu ġġudikati minn ġurija professjonali u jgħaddu 24 kantant minn kull kategorija għall-ewwel fażi tal-festival.

9. It-48 kantant li jgħaddu jieħdu sehem fil-festival waqt Kalamita fuq One TV u jkantaw mal-*live band* immexxija minn Mro. Dominic Galea.

10. Fuq Kalamita jibda jkanta kantant/a kuljum, ikunu ġġudikati minn ġurija professjonali u jgħaddu 12-il kantant/a minn kull kategorija għall-fażi semi-finali.

11. Fil-fażi semi-finali, l-24 kantant/a jkantaw kanzunetta differenti, dejjem mal-*live band*, kantant/a kuljum fuq Kalamita. Huma jkunu ġġudikati minn ġurija professjonali u jgħaddu 6 kantanti minn kull kategorija għall-fażi finali.

12. It-12-il finalista jkantaw kanzunetta differenti fil-finali. Huma jkantaw il-kanzunetta tagħhom wieħed wieħed kuljum waranofsinhar fuq il-programm Kalamita f'Ġunju, imbagħad jerġgħu ikantaw l-istess kanzunetta, *live* ukoll, waqt is-serata finali f'edizzjoni speċjali ta' Kalamita lejn tmiem Ġunju.

13. Fil-finali r-riżultat ikun imqassam bejn 50% ġurija professjonali u 50% televoting.

14. Ir-rebbieħ/a ta' kull kategorija jintbagħtu barra minn Malta f'festivals internazzjonali.

15. L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Kalamita f'Raħal Ġdid, jew mill-Kumpless One fil-Marsa jew minn fuq is-sit www.kalamita.com.

16. IŻDA l-applikazzjonijiet jintlaqgħu BISS fl-Uffiċċju Kalamita fi Triq il-Qalb ta' Ġesù f'Raħal Ġdid sal-Ġimgħa 5 ta' Diċembru fil-5pm u l-ħlas ta' €50 jrid isir mal-applikazzjoni. L-Uffiċċju Kalamita jiftaħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9am sal-5pm.

17. F'kas ta' xi diffikultà tistgħu iċċemplu l-Uffiċċju Kalamita fuq 21820192.

18. L-organizzaturi jirriservaw id-dritt li jibdlu r-regoli skont l-esiġenza tal-festival għall-ġid tal-kantanti.